# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 6642/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sara Cassar**

Illum it-tmienja (8) ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Sara Cassar**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 197200(L), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Lulju 2023 għall-ħabta ta' 20.20hrs fi Triq Dun Karm, Birkirkara (*junction side road to Swatar*) saqet vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SAR 602:

1. meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunat offiżi ta' natura

ħafifa fuq il-persuna ta' Mario Micallef skont kif iċċertifika Dr. Jerom Spiteri MD. mill-MDH;

2. saqet vettura ta' għamla Peugeot 107 bin-numru ta' reġistrazzjoni SAR 602 b'manjiera traskurata;

3. saqet vettura ta' għamla Peugeot 107 bin-numru ta' reġistrazzjoni SAR 602 b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputata tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll, sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tnaqqas il-punti mil-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit f'Regolament 36B u fis-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u s-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputata mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni, sabitha ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatha multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200), skwalifikatha mil-liċenzji kollha tas-sewqan għal żmien ħmistax (15)-il ġurnata u mponiet erba' (4) punti fuq il-liċenzji tagħha tas-sewqan.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-23 ta' Mejju 2025 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: "***Tikkonferma*** *f'dik il-parti fejn illiberatha minn kull ħtija ossia mill-ewwel u t-tielet imputazzjoni u* ***tħassar u tirrevoka*** *s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanta ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontriha, u konsegwentament tilliberaha minnha, u* ***<u>alternattivament, f'każ biss</u>*** *illi din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-aggravji tal-appellanta u tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanta titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena*

*nflitta għal waħda aktar ekwa, ġusta u miti sabiex tkun tirrispekkja l-fatti tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-13 ta' Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Mejju 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw inċident tat-traffiku bejn l-appellanti u l-*parte civile* Mario Micallef b'dan illi dakinhar tal-akkadut jidher li l-appellanti kienet qed issuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SAR 602 filwaqt li l-*parte civile* kien qiegħed isuq mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ECN 235. Jidher li fit-triq fejn seħħ l-inċident kien hemm tappiera li kienet qiegħda tfur b'dan illi l-*parte civile* allegatament waqaf sabiex jara kif jgħaddi u minħabba tali manuvra, l-appellanti, minkejja li allegatament għafset il-brejk, ma rnexxilhiex tieqaf u spiċċat ħabtet fil-mutur tal-*parte civile*. Bħala riżultat ta' tali ħabta, il-*parte civile* spiċċa ma l-art u sofra xi ġrieħi. Miċ-ċertifikati li hemm fl-atti proċesswali jidher li l-ġrieħi sofferti mill-*parte civile* kienu ta' natura ħafifa.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tilmenta li hija ma setgħetx tinstab ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni minħabba li hemm kunflitt fil-provi. Hija tirreferi għax-xiehda tal-*parte civile* u kif huwa jgħid li kien slowja l-mutur minħabba li kien hemm tappiera tal-Gvern tfur mill-ilma filwaqt li hija (l-appellanti) tgħid li huwa waqaf ħesrem. Tkompli li l-affidavit ta' PS 2390 A. Coleiro huwa karenti f'dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ. Tisħaq li dak li hemm huwa li l-verżjoni tal-*parte civile* ttieħdet l-Għassa tal-Pulizija tal-Msida fil-15 ta' Lulju 2023 fejn huwa talab li jittieħdu passi kontra tagħha minħabba l-ġrieħi li ġarrab. Hija tilmenta dwar il-fatt li minkejja li fis-sentenza appellata jingħad li hija ma żammitx id-distanza adegwata, ma tressqet l-ebda prova ta' dan. Tisħaq li waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu, il-*parte civile* qal li meta ħares fil-mera ra li ta' warajh kienet għadha l-bogħod.

Illi għal dan l-aggravju, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jispjega li l-verżjoni tal-appellanti ma ttieħditx fuq il-post biex ma jinkisrux id-drittijiet tagħha u meta ntalbet tagħti l-verżjoni tagħha, hija għażlet is-silenzju. Rigward il-kwistjoni tad-distanza, l-Avukat Ġenerali jispjega li l-fatt li ma żammitx id-

distanza adegwata joħroġ mix-xiehda tal-istess appellanti minħabba li hija tgħid li malli rat il-mutur wieqaf, hija bbrejkjat mill-ewwel iżda ma rnexxielhiex tieqaf. Iżid li kieku kellha distanza adegwata kien jirnexxielha tieqaf. Jirreferi għal Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jispjega li x-xiehda tal-*parte civile* ġiet emmnuta aktar. Rigward il-parti mix-xiehda tal-*parte civile* fejn huwa jindika li l-appellanti kienet il-bogħod, l-Avukat Ġenerali jirreferi għal bran kollu ta' dik ix-xiehda fejn il-*parte civile* jgħid li meta reġa' ħares ra lill-appellanti aljenata u baqgħet għaddejja bis-saħħa ġo fih. Jgħid li l-appellanti lanqas tiċħad li kellha wiċċha jħares l-isfel.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tindirizza l-ilment li jirrigwarda l-fatt li fl-affidavit ta' PS 2390 A. Coleiro ma hemmx il-verżjoni mogħtija mill-appellanti. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tirrimarka li din il-kwistjoni hija ben spjegata fl-istess affidavit in kwistjoni (*a fol.* 3). Mill-affidavit jirriżulta li l-appellanti ma ntalbitx tagħti l-verżjoni tagħha dakinhar tal-akkadut sabiex jiġu protetti d-drittijiet tagħha b'dan illi meta sussegwentement hija ntalbet sabiex tagħti tali verżjoni, hija għażlet, bħal ma kien id-dritt tagħha, li żżomm is-silenzju. Għalhekk din il-Qorti ma tarax li dan għandu jnaqqas mill-mertu tal-affidavit in kwistjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-

eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[1] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**:[2]

> "mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux."

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom – kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta – mhux dejjem neċessarjament twassal għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-

---

[1] "Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004."

[2] "Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono."

gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkellmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu

> tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u ser tapplikah għal dan il-każ li hija għandha quddiemha fejn il-Qorti hija affaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-avveniment. Minn naħa waħda, waqt ix-xiehda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, il-*parte civile* jgħid hekk (*a fol.* 23 *et seq.*):

> "Mingħalija 12th. July 2023. Hemm triq li tagħti għal Mater Dei kien hemm tappiera tal-gvern qed tfur mill-ilma u peress li jiena kont bil-mutur mhux ħa nibqa' kont għaddej bil-40 u bdejt innaqqas u kif bdejt innaqqas il-mutur biex ma nidħolx ċertu *speed* fuq l-ilma, ħarist mill-mera, għidt "ta' warajha għadha l-bogħod", kif nerġa' nagħmel *split of a second* u Ħarist, kienet aljenata, assolutament minn kollox mit-triq, għidt "din ħa tifqani" u baqgħet ġejja bis-saħħa ġo fija."

Illi minn naħa tagħha, fix-xiehda tagħha, l-appellanti tgħid hekk (*a fol.* 19 *et seq.*):

> "Bażikament kont miexja normali, kont miexja f'karreġġjata waħda wara l-karozzi normali hemm imbagħad hemm kont qed insuq normali u kien hemm mutur quddiemi u dan waqaf ħesrem għax qal li ma riedx ixarrab il-mutur u ma riedx jixxarrab u jiena għafast il-brejk u ma agħfastx il-brejks biżżejjed li ma

[3] "**R v. Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2."

nolqtux, ilqattu għax ovvjament kien hemm l-ilma fit-triq."

Illi b'żieda ma' dak li ġie appena ċitat, din il-Qorti hija tal-fehma li huwa pertinenti s-segwenti bran li jirriżulta mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-appellanti fit-23 ta' Settembru 2024 (*a fol.* 19 *et seq.*):

"Qorti: L-ilma rajtu qabel sinjura?

Xhud: Rajtu rajtu qabel.

Qorti: Għaliex ma waqaftx iktar allura la kien hemm l-ilma fit-triq għax ma bdejtx tislowja ma għidtlix li bdejt tisslowja minħabba l-ilma l-ewwel ħaġa li għidtli li waqaf ħesrem il-mutur għaliex ma bdejtx tisslowja minn qabel?

Xhud: Le jiena isslowjajt pero' il-karozza ma waqfitx biżżejjed biex ma tagħmilx forsi impatt.

Qorti: Meta isslowjajt imma meta wara li waqaf hu mhux meta rajt l-ilma?

Xhud: Le konna mexjin wara xulxin wara xulxin."

Illi minn qari ta' dan t'hawn fuq jirriżulta li l-appellanti naqset illi twieġeb domanda sempliċi li għamlet l-Ewwel Qorti u ċioè jekk naqqsitx l-i*speed* qabel jew wara li waqaf il-*parte civile*. Hija tgħid biss li kienu mexjin wara xulxin. B'dan il-mod hija evitat li twieġeb għall-mistoqsija in kwistjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan huwa sintomatiku tal-fatt li l-appellanti ma kinitx komda twieġeb għal tali mistoqsija. Dan iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-appellanti naqqset il-veloċita' tagħha biss meta ndunat li l-*parte civile* kien qiegħed jieqaf jew kien waqaf. Isegwi għalhekk li la l-appellanti ma naqsitx il-veloċita' tagħha meta hija nnutat l-ilma iżda naqqsitha biss meta rat li l-*parte civile* kien

waqaf, hija naqset milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tillimita r-riskji.

Illi kull sewwieq għandu l-obbligu li jżomm 'l hekk imsejjaħ *proper lookout*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (Numru 18/2004) mogħtija fis-26 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Bħalma qalet din il-Qorti diversament preseduta presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** deċiż fil-25 ta' Marzu 2004:
>
> *"Ġie appropositu ritenut li 'hu dover ta' driver <u>to see what is in plain view</u>' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm <u>a proper lookout</u>' Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17.6.1961]. Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Ingliżi kienu rritenew li:*
>
> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – **it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well**" (emfasi tal-Qorti.""*

Illi kellha raġun l-Ewwel Qorti meta qalet li l-appellanti naqset milli żżomm *proper lookout*. Kieku l-appellanti żammet *proper lookout* hija kienet tnaqqas il-veloċita' li biha kienet għaddejja meta nnutat l-ilma u mhux meta l-*parte civile* naqqas il-veloċita' biex jara kif ser jgħaddi mill-ilma li kien ħiereġ mit-tappiera.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li dan l-aggravju jistħoqq li jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellanti tilmenta li l-*parte civile* waqaf ħesrem u bl-imprudenza tiegħu u b'din l-emerġenza subitanea nħolqot imprevedibilita' li rrendiet impossibbli jew mhux raġonevolment possibbli azzjoni evaživa tempestiva minn naħa tagħha. Tkompli li minkejja li għamlet kull ma setgħet, hija ma rnexxilhiex tevita l-ħabta anke minħabba l-fatt li kien hemm l-ilma fit-triq u b'hekk ma waqfitx mill-ewwel. Hija targumenta li għalhekk l-ħabta ma kinitx biss ir-responsabilita' tagħha iżda għal inċident kien jaħti wkoll il-*parte civile*. Tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti piż lill-fatt li l-*parte civile* waqaf ħesrem u li għalhekk irid iġorr parti mir-responsabilita'. Targumenta li meta l-Ewwel Qorti ssemmi l-emerġenza subitanea hija tonqos milli tikkunsidra dan fl-isfera tal-piena.

Illi għal dan l-aggravju, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jirreferi għal bran mogħti mill-*parte civile* waqt id-depożizzjoni tiegħu. Jgħid li minn din ix-xiehda jirriżulta li l-*parte civile* mexa b'diliġenza filwaqt li kienet l-appellanti li kienet aljenata u kkawżat l-inċident.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li l-Qrati tagħna huma ċari u univoċi fuq il-materja li sewwieq iżomm *a proper lookout* u ta' neġligenza kontributorja meta jiġu għal decizjonijiet fuq ġrieħi kawżati minn inċidenti tat-traffiku. Hekk, per eżempju, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ġużeppi Bilocca** (Numru 273/2008), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan hu każ ta' investiment ta' *pedestrian*. Illi ġie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* għalkemm għandu dritt ikun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negliġenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-car milli juża dak il-grad ta' *reasonable care* li tinħtieġ. Dana kollu jingħad sakemm ma tkunx ġiet mill-*pedestrian* krejata lid-*driver*, bl-imprudenza tiegħu,

emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva (ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P.iv p.1023). F'sentenzi oħra umbagħad, ġew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitanea tavverra ruħha, e.g. *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konduċent jew jagħmel xi moviment insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Thornton**, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta *"pedestrian jinżel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċja għall-għarrieda minn wara xi car ieħor; jew li joħroġ minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaċċja għall-għarrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.iv. p.765).

Mill-banda l-oħra pero', ġie wkoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'suċċess id-difiża tas-*sudden emergency* meta l-emerġenza ikun ħoloqha hu (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan għaliex f'każ simili d-*driver* ikun qiegħed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan ħażin tiegħu anteċedenti jew konkomitanti.

[...]

Illi ġie mbagħad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddieħor, *ammenoché* dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament għall-ħtijiet da parti ta' ħaddiehor. (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** [16.3.1961]; **Il-Pulizija vs. John Polidano** [3.11.1963]; **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u oħrajn). Dana għaliex il-*contributory negligence* ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Illi b'żieda ma' dak li ġie ċitat hawn fuq, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha fir-rigward tal-ewwel aggravju u *mutatis mutandis* tapplikah għal dan l-aggravju wkoll. Kif diġa' aktar 'il fuq, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li tgħid l-appellanti rigward ir-responsabilita' tal-akkadut u dana peress li kieku hija żammet il-*proper lookout* u naqqset il-veloċita' malli rat l-ilma minflok stenniet lill-*parte civile* jieqaf, l-inċident kien jiġi evitat. Ma jirriżultax li l-*parte civile* kien responsabbli b'xi mod jew ieħor għall-akkadut. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tagħha l-appellanti tilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha hija waħda eċċessiva u, skont hi, in vista tan-negliġenza kontributorja tal-*parte civile*, il-piena għandha titnaqqas. Tisħaq li hija għandha fedina penali netta u li qatt ma weħlet ċitazzjonijiet u anqas punti.

Illi għal dan l-aggravju, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali wieġeb billi jgħid li din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li

> tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ġie ċitat hawn fuq li din il-Qorti tagħmlu tagħha u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-piena għall-imputazzjoni li tagħha l-appellanti allura imputata nstabet ħatja tagħha mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ġie konfermat ukoll minn din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Sara Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċifikat li l-iskwalifika mil-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' ħmistax (15)-il ġurnata għandu jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**